16 ta' Diċembru, 1955

Imħallfin :
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Paolina Cassar *versus* Francesco Debono

**Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 221 (1) tal-Kap. 15**

*Meta waħda mill-partijiet fil-kawża tissokkombi "in toto", ir-regola hija illi l-ispejjeż kollha għandhom jiġu deċiżi kontra dik il-parti sokkombenti.*

*Biex ikun hemm temperament għal din ir-regola jeħtieġ li jkun hemm xi raġunijiet. Meta mbagħad ikun hemm dawn ir-raġunijiet, it-temperament fl-ispejjeż għandu jkun li l-ispejjeż ma jiġux taxxati, u l-Qorti ma tistax tmur oltre dan il-limiti, jekk ma jkunx hemm ċirkustanzi li jissuġġerixxu "in via specialissima" temperament li joltrepassa dan il-limiti.*

Il-Qorti: — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi ppremettiet illi fl-għalqa li tinsab f'St. Anthony Street, Marsaskala, proprjetà tal-konvenut, hemm siġra tal-ħarrub viċin il-ħajt tal-ġnien tal-fond numru 50 New Street, Marsaskala, proprjetà ta' l-attriċi; u illi dina s-siġra tal-ħarrub qegħdha tikkaġuna danni lill-imsemmi ħajt tal-ġnien ta' l-attriċi; u talbet li l-konvenut jiġi kundannat (1) jagħmel dak kollu li hu neċessarju biex is-siġra in kwistjoni ma tkomplix tarreka dannu lill-proprjetà ta' l-attriċi, u dana bil-mod, forma u żmien li

jiġu ordnati mill-Qorti u taħt id-direzzjoni ta' perit nominand; (2) u jirripara l-ħsara li ġa ġiet kaġunata fil-ħajt ta' l-attriċi mill-istess siġra, u dana wkoll bil-mod, forma u żmien li jiġu prefissi mill-Qorti, taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit nominad; (3) u in difett tiġi l-istess attriċi awtorizzata teżegwixxi l-istess xogħlijiet a spejjeż tal-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Jannar, 1954, kontra l-konvenut:

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 1955, *li biha ċaħdet it-talbiet* ta' l-attriċi, b'dan li l-ispejjeż *jitħallsu żewġ terzi (2/3) mill-istess attriċi u terz (1/3) mill-konvenut;* wara li kkunsidrat;

Illi l-perit tekniku, fl-ewwel *relazzjoni tiegħu*, ikkonkluda illi l-ħsara li hemm fil-ħajt in kwistjoni ma hix dovuta għal kollox għall-pressjoni eżerċitata mill-fergħa tas-siġra tal-ħarrub eżistenti fil-fond tal-konvenut, *imma prinċipalment* għar-raġuni li l-ħajt mhux mibni fuq pedament tajjeb u sod; u dan wara li kkonstata, fost ħwejjeġ oħra, illi dik il-fergħa, għalkemm tħaxken mal-ħajt, qatt *ma setgħet ikollha* dik is-saħħa illi, weħedha u mingħajr raġuni oħra, fuq ħajt doblu tas-sejjieħ mibni b'gebel oħxon u bil-ktajjen, tispustaħ jew tagħmillu danni; u *wara li kkonstata* wkoll illi, sa fejn seta' jara, il-pedament tal-ħajt huwa fuq laqx u materjal ieħor b'ħamrija miegħu, u mhux mibni fuq pedament sod;

Illi, wara li fuq ordni tal-Qorti l-perit, fl-24 *ta'* Frar, 1955, żamm aċċess ieħor fuq il-post, u wara li kixef il-pedament tal-ħajt, huwa seta' jagħti relazzjoni verbali skond ix-xhieda fol. 23 tal-proċess, huwa assikura bil-ġurament illi s-selħa tal-ħajt ma ġġarfetx kaġun tal-fergħa tas-siġra in kwistjoni, imma a kaġun li l-ħajt ma kienx mibni fuq pedament tajjeb, u li dik il-fergħa ma setgħetx *tipprovoka* t-tiġrif tal-ħajt. Osserva wkoll illi, kieku dik il-fergħa kienet qegħdha teżerċita pressjoni qawwija fuq il-ħajt, kienet twaqqa' l-parti ta' fuq tiegħu, mentri l-ħajt, anki minn dak *il-pont* l-isfel, huwa mmejjel ħafna l-barra mill-linja perpendikulari tiegħu;

Illi l-Qorti, wara li żammet aċċess fuq il-post, u wara li għamlet diversi konstatazzjonijiet, fosthom dik tal-ħxuna tal-

ħajt, u li dana, fejn waqa', ikforma angolu ma' ħajt ieħor ta' l-istess ħxuna, u wara li kkunsidrat is-sottomiesjonijiet tal-kontendenti, tipproponi biex tadotta l-aħħar konklużjoni peritali, u tagħmel tagħha r-raġunamenti tal-perit ġudizzjarju;

Illi, però, id-delikatezza tal-każ u ċ-ċirkustanzi li jakkompanjaw l-iżvolġiment tal-proċess, jissuġġerixxu temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut fol. 38, li biha appella limitatament għall-kap ta' l-ispejjeż, u talab li dawn jibqgħu nterament għak-kariku ta' l-attriċi; bl-ispejjeż tat-tieni istanza;

*Omissis;*

Hu ċert li fil-kawża odjerna baqgħet sokkombenti l-attriċi. Hi baqgħet hekk sokkombenti "in toto"; għaliex mentri l-bażi ta' l-istanza tagħha kienet li l-ħsara fil-ħajt kienet qegħdha ssir minħabba s-sigra tal-ħarrub fil-fond tal-konvenut, ir-riżulta għall-kuntrarju li l-ħsara kienet dovuta għall-fatt li l-ħajt ma kienx mibni fuq pedament tajjeb, u li l-fergħa tas-siġra in kwistjoni qatt ma setgħet tikkaġuna ħsara fil-ħajt. Għalhekk din ix-xorta ta' sokkombenza kellha ġġib magħha bħala konsegwenza l-kariku tal-kap kollu ta' l-ispejjeż fuq l-attriċi, skond id-dispost ta' l-art. 221(1) Kap. 15 Ediz. Riv.;

L-attriċi appellata ssottomettiet, fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti, li kien hemm raġunijiet biex tiġi temperata dik ir-regola tal-ħlas ta' l-ispejjeż kollha meta hemm sokkombenza totali;

Għal dan ir-riljev jiġi osservat, l-ewwelnett, li meta hemm xi raġunijiet biex tiġi temperata l-inċidenza ta' l-ispejjeż, dan it-temperament għandu jkun li l-ispejjeż ma jiġux taxxati, konformement għas-subartikolu (3) ta' l-artikolu fuq ċitat. Osservat din il-Qorti, fil-kawża "Huber nomine vs. Ellul Sullivan pr. et ne.", 5 ta' Ġunju, 1925 — Vol. XXVI-1-173 — illi: "La Corte, nel temperare la incidenza delle spese sul soccombente nella lite, non può andare oltre al limite di ordinare che le spese non sieno tassate; salve eccezioni specialissime";

Fit-tieni lok, ma jidherx li dawn ir-raġunijiet jeżistu. Fin-nuqqas ta' appell mill-meritu mill-parti l-waħda jew l-

ohra, din il-Qorti ċertament ma tistax tirrivanga dak il-meritu; tista' biss (ara Appell Gozo 31 ta' Mejju, 1904, "Vella vs. *Conservatorio Zitelle*", Vol. del 1904, p. 65) tara jekk fil-meritu kienx hemm ċirkustanzi li kienu jissuġġerixxu temperament in vija ta' xi "eċċezzjoni speċjalissima", kif *hemm imsemmi fis-sentenza fuq ċitata ta' din il-Qorti*;

Id-difensur ta' l-appellata semma li fl-ewwel rapport il-perit nominat mill-Ewwel Qorti ma kienx eskluda għal kollox l-*effett tal-pressjoni tal-fergħa tas-siġra* fuq il-ħajt, u kien għalhekk issuġġerixxa li l-ispiża tad-demolizzjoni tal-ħajt u tar-rikostruzzjoni tiegħu fuq il-blat tinqasam *żewġ terzi l-attriċi u terz il-konvenut — proporzjoni adottata* mill-Ewwel Qorti fil-kap ta' l-ispejjeż. Iżda, kif jidher mill-inkartament, fil-mori tal-kawża l-ħajt iġġarraf, u in konsegwenza kien possibbli *li l-perit gudizzjarju jara tajjeb* sewwa dak li qabel kien qiegħed jarguwixxi, u seta' allura jassikura li l-unika kawża tal-ħsara fil-ħajt kien il-fatt li dan ma kienx mibni *fuq pedament sod, u li l-fergħa tas-siġra* ma setgħetx tar-reka ħsara lill-ħajt. Ma kienx hemm, kwindi, raġuni għaliex l-Ewwel Qorti tagħmel xi eċċezzjoni, u lanqas li timmodella ruħha fid-*deċiżjoni dwar* l-inċidenza tal-kap ta' l-ispejjeż fuq suġġeriment li kien għamel il-perit meta kien għadu ma rax tajjeb l-istat ta' l-affarijiet, u li r-"raison d'etre" tiegħu ġiet *nieqsa appena* l-perit, edott bir-riżultanzi tal-waqgħa tal-ħajt "pendente lite", seta' jeskludi pożitivament li l-ħsara kienet kaġunata b'xi mod mis-siġra;

Għal dawn il-*motivi*;

Tilqa' l-appell tal-konvenut, kif limitat għall-kap ta' l-ispejjeż u tirriforma s-sentenza appellata *f'dak* il-kap, fis-sens li l-*ispejjeż ta'* l-ewwel istanza jitħallsu kollha mill-attriċi; li għandha tħallas ukoll l-ispejjeż ta' din l-istanza.